BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Ninfurmakom illi s-Sebgha-u- Ghoxrin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara qed tigi posposta mis-Sindku, ghan-nhar il-Tnejn 26 ta' Mejju 2008, fis-6:30pm.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghas-Sebgha-u-Ghoxrin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Mejju 2008, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 26**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Rapport Finanzjarju 2007-2008**
5 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Din il-laqgha kellha ssir nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2008, imma giet posposta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghat-Tnejn 26 ta' Mejju 2008 bl-istess agenda, fuq talba li saritlu mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg,.

Minuti tas-Sebgha-u-Ghoxrin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju 2008 mis-6:30p.m. sat-8:25p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri | |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami | |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla | |
| | Is-Sinjura Doris Borg | |
| | Is-Sinjura Joanne Borg | |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo | |
| | Is-Sur John Mary Calleja | |
| | Michael Camilleri | |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg | |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt | |
| | Dr George Debattista | |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw | |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro --------------- | Assenti u Skuzat |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri ----- | Assenti u Skuzata |
| **L-Ufficjal:** | | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone | |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg,, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsillier is-Sur Roberto J. Buontempo dahal fil-kamra fis-6 :35pm. Il-Kunsilliera s-Sinjuri : Charlene Camilleri u Sergio Carbonaro kienu assenti imma skuzati. Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 26.**

Il-Minuti tas-Sitta-u-Ghoxrin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Wara li saret emenda f'*item* 4 fuq talba ta' Dr. George Debattista, il-minuti ġew approvati kif emendati b'disa' voti favur, xejn kontra u astenzjoni wahda. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg astjeniet minhabba li ma kinitx prezenti ghal dik il-laqgha.

Hawnhekk dahal fil-kamra l-Kunsillier s-Sur Roberto J. Buontempo. Il-hin kien is-6:36pm.

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw ghamlet riferenza ghal *item* 3.1. Hi talbet informazzjoni dwar is-salarju li ghandhom l-impjegati Dorianne Pullicino u Ruth Stivala. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb li l-

informazzjoni mitluba ser tinghata fil-laqgha li jmiss.

3.2 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ghamel ukoll riferenza ghall-*item* bin-numru 3.4. Hu staqsa jekk il-figura ta' € 69881.20 kinitx giet approva mill-Ministeru tal-Finanzi. Is-Sindku wiegeb fil-pozittiv.

3.3 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg ghamlet riferenza ghall-*item* 3.1. Hi ghamlet riferenza ghall-promozzjoni li inghatat s-Sinjorina Ruth Stivala, filwaqt li staqsiet, x'kienet ir-raguni li s-Sinjorini Elisa Borg u Mandy C. Spiteri ma kinux inghataw ukoll promozzjoni . Dwar l-ewwel punt is-Sindku qal li l-Kunsill kien gab direzzjoni minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar it-tieni punt is-Sindku qal li s-Sinjorina Elisa Borg fil-prezent ma kinitx tikkwalifika sabiex tigi fuq skala 11. Dwar is-Sinjorina Mandy C. Spiteri s-Sindku wiegeb li fl-opinjoni tieghu hi ghalissa m'ghandhiex tinghata promozzjoni minhabba l-*warning* li kienet inghatat.

3.4 Il-Vici Sindku s-Sinjorina Doris Borg acceniet ghall-*item* 7.1. Hi ssuggerit li l-Kunsill ghandu jirrikonsidra d-decizjoni li ttiehdet fl-ahhar laqgha billi naghtu mill-inqas €100 lill-iskola msemmija. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill ghandu jzomm mal-pozizzjoni li diga' ha, billi naraw jekk l-applikazzjoni li ghamilna bhala Kunsill ma' l-UE tigix accettata jew le.

3.5 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg ghamlet riferenza wkoll ghall-*item* 8.6f. Hi sostniet li l-Kunsill ghandu jghin fejn jista'. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li sostna li l-Kunsill ser izomm mad-decizzjoni unanima li diga' ha, ghamel riferenza ghal meta tnehhew t-tabelli tat-traffiku, il-bankijiet u tressqet il-*pot* ta' hdejn il-kappella ta' San Pawl sabiex issir il-*pageant* tal-Gimgha l-Kbira. Is-Sindku qal li hadd ma ghandu dritt imiss jew jaqla' affarijiet minghajr l-permess tal-Kunsill. Hawnhekk il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt sostniet li l-bankijiet qatt ma kellhom jehlu b'tali mod li ma jkunux jistghu jinqaghalu. Is-Sindku wiegeb li l-boldijiet li intuzaw huma apposta sabiex il-bankijiet ma jkunux jistghu jinqaghalu u jinsterqu

**3.6** Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 8.6 E. Il-Vici Sindku sostniet li s-Sindku ghandu juriha l-email inkwistjoni. Hi qalet li qabel it-tmiem ta' Kunsill precedenti hi kienet tkellmet mas-Sur Chetcuti fejn kienet staqsietu jekk jistax jintlahaq ftehim bejn iz-zewg partijiet. Il-Vici Sindku qalet li hi qatt ma kienet irceviet risposta minghand is-Sur Chetcuti. Hawnhekk il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt irreferiet ghal risposta li kien ta Dr. Ian Spiteri Bailey. Hi qalet li **huwa dmir ta' l-avukat li qed jiehu hsieb il-process li jipprovdi kopja tal-process.**

3.7 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri accena ghal *item* 8.8. Hu qal li dwar il-punt imsemmi f'din l-*item*, hu kien jappoggja lill-Kunsillier Dr.George Debattista. Hu sostna li l-Kunsill ghandu jzomm lill-Perit/Contracts Manager responsabbli. Is-Sur Camilleri ghamel riferenza wkoll ghax-xoghol ta' *resurfacing* li kien sar mill-Kunsill madwar sitt snin ilu gewwa Triq Bwieraq **qal li bl-iskuza li x-xoghol kien iccertifikat tajjeb il-Kunsill ilu minn dak iz-zmien ma' ghamel xejn dwar l-ilment tieghu.** Is-Sur Michael Camilleri talab ukoll sabiex hu jinghata kopja tal-minuti tas-Sotto Kumitat dwar l-Immanigjar tas-Suq fil-Berah ta' Birkirkara.

## 4 Rapport Finanzjarju 2007-2008

Ghal habta tas-7 :30pm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami stieden lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella biex jispjega il-*Financial Statements* li kienu tqassmu lill-membri kollha ma' l-agenda. Qabel beda l-ispjega tieghu s-Sur Christian Vella qassam somarju bil-Malti tal-*Financial Statements* liema somarju gie spjegat fid-dettal u gie anness mal-minuti. Waqt id-diskussjoni saru diversi mistoqsijiet mill-membri prezenti li ghalihom wiegeb fid-dettal l-*accountant* is-Sur Christian Vella.. Is-Sur Vella spjega li dan ir-rapport kien jinkludi fih ukoll ir-rapporti kollha ta' kull kwart inkluz dawk mill-1 ta' Lulju 2007 sal-31 ta' Marzu 2008.

Id-diskussjoni kienet iffukata l-aktar fuq id-*deficit* li ghandu l-Kunsil. Il-membri prezenti b'mod generali wrew il-preokkupazzjoni taghhom li l-indikatur kien qed jimmarka –37% meta suppost bil-ligi dan ikun ta' +10%. Huma qalu li minkejja li s-sitwazzjoni minn Gunju 2007 kienet irkuprat bi ftit il-qaghda finanzjarja kienet tinsab f'qaghda hazina.

Hawnhekk kemm l-*accountant* kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv regghu gibdu l-attenzjoni biex il-Kunsill jirregola l-infieq tieghu sakemm il-finanzi tal-Kunsill ikunu fis-sod. Huma sostnew li ma jistax ikun li l-Kunsill ikompli ghaddej bi progetti kapitali godda u fl-istess hin issir kritika u tintwera preokkupazzjoni li hemm id-*deficit*.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill fis-sena finanzjarja li qeghdin fiha (1/4/2008 sal-31/3/2009) kapaci igieb **€400,000** mill-UIF. Hu ghamel riferenza ghall-applikazzjonijiet li saru dwar il-billboards u l-bus shelters, li bir-reklamar li jista jsir fuqhom il-Kunsill hu stmat li jista jdahhal **€116500** ohra fis-sena. Dan jista' jkun possibbli jekk il-Kunsill ma jkomplix isib ostakli mill-ADT u mill-AKL.

Hawnhekk il-Kunsilliera s-Sinjuri Joanne Borg u Mary Spiteri Shaw hargu mill-kamra. Il-hin kien is-7:57pm

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami accena wkoll ghal **€356490** li l-Awtorita' tad-Djar kienet intrabtet li tghaddi fuq perjodu ta' tlett snin ( 2009, 2010, u 2011) ghar-*refurbishing* fil-*Housing Estates*. Hu qal li din il-figura ma gietx inkluza fir-rapport minhabba li l-finanzi ser nibdew nehduhom minn din is-sena finanzjarja.

Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Roberto J. Buontempo hareg mill-kamra. Il-hin kien it-8:05pm.

Is-Sindku ghamel riferenza wkoll ghal diversi dokumenti/rapporti li tqassmu lill-membri prezenti qabel bdiet id-diskussjoni. Dawn id-dokumenti/rapporti li qed jigu dokumentati bhala DOK JT1 u Dok JT2 u li dwarhom is-Sindku ta spjegazzjoni jikkonsistu f'dan li gej :-

**DOK JT 1**

Il-hlasijiet, stimi u dhul mill-UIF inkonnessjoni mal-progetti ta' :-

a) Misrah San Alwigi,
b) Sqaq l-Ibghal,
c) Playing Field ta' Fleur-de-Lys, u
d) Gnien l-Istazzjon

**Dok JT 2**

Dokument bl-isem '*Report on the Financial Situation of the Birkirkara Local Council together with suggestions and recommendations to improve the operating environment* ' li kienipprezentat lill-Prim Ministru, lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, u lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**Wara d-diskussjoni, il-membri prezenti qalu li huma kienu qed japprovaw unanimament ir-Rapport Finanzjarju 2007-2008 sabiex dan imur ghand l-Awditur, ghalkemm kienu qed juru pre-okkupazzjoni taghhom ghad-defecit li hemm.**

Ir-Rapport Finanzjarju 2007-2008 gie approvat unanimament bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku is-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur huma s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri :- Dr. George Debattista, Mark Abdilla, Dr. Josianne Cardona Gatt, Jimmy Calleja, Anthony Buttigieg u Michael Camilleri.

## 9 Eghluq

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien it-8:25p.m.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**